




# Giuseppe Calì

*75 sena minn mewtu*

Jekk wieħed iżur xi knisja parrokkjali qadima aktarx isib li għandha xi biċċa xogħol artistika tal-pittur Giuseppe Calì. Xogħlijiet tiegħu nsibu wkoll fil-kollezzjoni Nazzjonali. Diversi djar ta' sidien għonja għandhom ukoll xi kwadru jew studju tiegħu.

Calì twieled fl-14 ta' Awissu 1846 fil-belt Valleta minn Raffaele Calì u Giovanna Padiglione. Missieru kellu n-namra tal-pittura. Kien ukoll mużiċista tajjeb, tant li kien jaħdem fis-servizz tar-re taż-Żewġ Sqallijiet u ommu kienet mezzo soprano. Il-koppja Calì aktarx ġew Malta minħabba ġlieda familjari dwar iż-żwieġ tagħhom u hawn min qal li l-inkwiet politiku li ħakem is-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet inbuttaw lill-koppja Calì jiġu Malta. Kien hemm membri oħra tal-familja Calì li kellhom x'jaqsmu ma' l-arti fosthom in-nannu tiegħu Antonio u z-ziju Beniamino. Dawn kienu skulturi.

Calì beda jistudja l-arti ta' 17-il sena f'Napli, il-belt tas-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet, fl-Accademia di Belle Arti. Il-flus kien ħariġhomlu n-negozjant Guglielmo Marcinelli. Giuseppe Calì, kemm dam f'Napli, sab il-ħbiberija ta' Giuseppe Marcinelli, kif ukoll ta' Eugene Delacrois. Dawn kienu artisti naturalista u romantiku rispettivament. Waħda mill-ewwel arti ta' Calì kient 'Il-mewt ta' Dragut' fis-sena 1867.

Giuseppe żżewweġ lil Perigina Pace fis-sena 1871. Minn dan iż-żwieġ ħarġu għaxar ulied. Skond xi studjużi, Calì ħadem aktar minn 500 biċċa xogħol. Insibu pittura għal fuq l-altari, akwarelli, soqfa tal-knejjes, *portraits* u litografiji.



Bejn is-snin 1867 u 1890, ħadem xogħlijiet fejn wera sens ta' romantiċiżmu kbir. L-ilwien kienu qawwija u l-figuri mimlijin ħajja. Wara l-1890 kien hemm niżla fil-kwalità tax-xogħlijiet tiegħu.

Giusepe Calì pitter f'diversi knejjes fosthom il-koppla tal-Katidral ta' l-Imdina, fil-knisja tal-Madonna tal-qalb ta' Ġesù f'Tas-Sliema fejn wera l-aqwa xogħol tiegħu li hu San Ġilorm, f'Ħal Tarxien insibu żewġ pitturi importanti, 'L-Adorazzjoni tal-maġi' u 'Il-Ħarba lejn l-Eġittu'. F'San Pawl il-Baħar pitter it-titular li juri l-Addolorata.



Xogħlijiet oħra ta' min isemmi huma l-koppla ta' Ħal Lija li turi t-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu u fir-Rotunda tal-Mosta fejn hemm tmien episodji li juru l-ħajja ta' Ġesù, fil-knisja ta' San Franġisk fil-belt Valletta fejn hemm l-Apotheosis ta' San Franġisk. Giuseppe Calì kien sikwit jiffrekwenta r-raħal tagħna. Kien ipoġġi ġo ħanut ta' l-inbid fix-xatt fejn is-sid ta'dan il-ħanut kien imlaqqam tal-Mastulin. Fil-knisja tagħna nsibu disa' xogħlijiet ta' dan il-pittur li huma San Pawl, il-Qalb ta' Ġesù, il-Lunzjata, it-Twelid tal-Madonna, il-Kunċizzjoni, Santa Marija, Sant'Andrija u Sant'Antnin. Ta' min jgħid li l-wiċċ ta' Sant'Andrija pittru fuq wiċċ sid il-ħanut fejn kien imur jixrob l-inbid. Dan ir-raġel kien bil-baffi u għalhekk pitter wiċċ Sant'Andrija fuqu.

Fost il-pitturi-wiċċ (portraits) insibu l-pittura ta' Dr. Zammit Clapp, ta' Dr. Adrian Dingli u ta' Fra Krispin li nħadmu mill-artist Giuseppe Calì. Għal dak li hu pajsaġġi, Calì ħadem xi ftit fosthom, Nżul ix-Xemx. Dawk li huma xeni, wieħed isib idaħħal it-Tfajla viċin nixxiegħa, it-Talba, il-Luzzu, il-Kaċċa u l-Barrakka ta' Fuq fi żmien is-seklu 18.

Giuseppe Calì miet fl-1 ta' Marzu 1930 fl-età ta' 84 sena.